**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Magistrat Dr. Nadine Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D; Barrister at Law (England & Wales)**

**Avviz Numru: 26/2018 NL**

**Avviz Numru 26/2018 NL**

**Western Company Ltd (C-19994)**

**Vs**

**Philip Muscat (132660M)**

Illum 4 ta' Ottubru 2022

Il-Qorti:

**Premessi**

Rat l-avviz ta' Western Company Ltd tal-15 ta' Frar 2018 li permezz tieghu tablet li din il-Qorti tikkundanna lill-intimat ihallasha s-somma ta' €13,635 prezz ta' vettura Toyota Hilux bin-numru ta' registrazzjoni LOR-332 mibjugha

u kkonsenjata lill-intimat. Bl-ispejjez inkluz tal-ittra ufficjali tat-13 ta' April 2015 u l-mandat ta' sekwestru 185/18 u l-imghax u l-konvenut ingun in subizzjoni.

Fir-risposta tieghu tas-16 ta' Marzu 2018, l-intimat eccepixxa illi (i) t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u l-ammont mitlub mhux dovut (ii) illi semmai kif ghandu wkoll jirrizulta sar hlas zejjed li ghandu jigi rifuz lill-esponenti (iii) b'rizerva ghall-eccezzjonijiet ohra jekk ikun il-kaz. Bl-ispejjez kollha inkluz tal-mandat indikat, kontra l-istess socjeta' attrici.

Rat illi s-socjeta' attrici ghalqet il-provi taghha fis-seduta tad-9 ta' Mejju 2018[1] filwaqt li l-konvenut ghalaq il-provi tieghu fis-seduta tat-2 ta' Novembru 2021[2]

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif ippresjeduta permezz tad-digriet ta' l-1 ta' Jannar 2020 mill-Prim Imhallef Emeritus Joseph Azzopardi LL.D.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut u semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Semghet ix-xhieda u rat il-provi u d-dokumenti kollha in atti;

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawza giet imhollija ghal-lum ghas-sentenza u ma jirrizultax illi saret xi talba ghas-sospenzjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza jew li hemm xi impediment iehor ghall-ghoti tas-sentenza illum;

---

[1] Fol. 13
[2] Fol. 563

**Ikkunsidrat:**

Ir-rapprezentant tas-socjeta' attrici ezebixxa kuntratt datat 10 ta' Lulju 2004 fejn il-konvenut Philip Muscat akkwista, b'pagamenti mensili ta' Lm100 u b'imghax ta' 8%, il-vettura Toyota Hilux LOR-332 bil-prezz ta' Lm9,800. Fix-xhieda tieghu tad-9 ta' Mejju 2018, Charles Bianco, jispjega li l-vettura kellha numru ta' registrazzjoni differenti, izda mbaghad il-konvenut xtaq li jkollu numru personali u hekk ghamel. Bianco jezebixxi wkoll statement tal-bilanc dovut mill-konvenut u jezebieh bhala Dokument CB5 kif ukoll jezebixxi statement tal-pagamenti market bhala Dokument CB6.

Il-konvenut Philip Muscat, imbaghad xehed minn jeddu bl-affidavit – izda ma sarlu ebda kontroezami. Il-konvenut ipproduca wkoll lir-rapprezentant tal-Bank of Valletta plc biex tezebixxi statements ta' zewg kontijiet it-tnejn f'isem is-socjeta' attrici, izda li wiehed minnhom jidher li huwa intestat li jirreferi ghall-konvenut b'mod specifiku u juri l-pagamenti li kienu saru mis-Sur Muscat. Il-konvenut, pero', ipproduca wkoll statement ta' kont iehor intestat f'isem is-socjeta' attrici bin-numru 40010246380 li wkoll jidhru fih xi depoziti mill-konvenut.

Di piu', il-konvenut jghid li parti mill-prezz li kellu jithallas minnu ghall-vettura Toyota Hilux, thallas b'tpartit ta' vettura ohra, ossija Toyota Corsa li kienet stmata bil-prezz ta' Lm4,000. Dan, skond hu, is-socjeta' attrici mhijiex qeghda tikkalkolah.

**Ikkunsidrat:**

Fil-kuntratt originali ezebit a fol. 9 (Dokument WC1) jirrizulta li l-konvenut kellu jhallas is-somma ta' Lm9,800 b'pagamenti mensili ta' Lm100 kull wiehed

ghal 120 xahar. B'hekk il-prezz tal-vettura (bl-imghaxijiet) kien ser ikun b'kollox Lm12,000 (jew €27,952.44). Is-socjeta' attrici tghid li pero' hemm imghaxijiet ta' 4.18%. Il-Qorti ma nghatat ebda spjegazzjoni ta' kif l-attrici waslet ghal din ir-rata ta' imghax. Li huwa zgur pero', li fis-somma ta' Lm100 fix-xahar, kien hemm inkluzi imghaxijiet miftehma bejn il-partijiet – tant li l-prezz, wara ghaxar snin, kien ser ikun Lm12,000 minflok Lm9,800. Dan ifisser li sal-10 ta' Lulju 2014, il-kontendenti kienu ftehmu dwar il-hlas shih, b'kwalunkwe imghaxijiet, fis-somma shih ta' Lm12,000 pagabbli b'rati mensili ta' Lm100. Li gara huwa l-konvenut jghid li huwa hallas dan l-ammont shih, anzi, hallas aktar minn hekk.

Fin-notamenti tieghu, fil-fatt, il-konvenut jghid li huwa hallas is-somma ta' €8,999.47 f'pagamenti ghall-vettura Toyota Corsa li imbaghad, skond hu, partat (in parte) mal-prezz tal-vettura mertu ta' din il-kawza, kif ukoll is-somma ta' €21,302.90 ghall-vettura Toyota Hilux.

Il-konvenut ghalhekk jikkontendi li, gjaladarba l-vettura Toyota Corsa kienet giet stmata Lm4,000 (ossija €9,317.48), dan kellu jitnaqqas mill-prezz shih tal-vettura l-ohra, Toyota Hilux. Madankollu, dan ma jinghad imkien hlief minn kliem il-konvenut. Mhux hekk biss, imma jekk allura, il-konvenut kien ftiehem dwar tnaqqis fil-prezz ta' Lm4,000 b'tpartit mat-Toyota Corsa, wiehed jifhem li l-konvenut kien imqar igib xi forma ta' ricevuta, jew revizjoni tal-bilanc dovut – u mhux jistrieh biss fuq dak li jaf hu, u possibilment xi haddiem tas-socjeta' attrici.

Madankollu, anke fil-verzjonijiet u kalkoli tas-socjeta' attrici hemm kwistjonijiet li din il-Qorti ma tistax tifhem. Fil-kuntratt jinghad car u tond li l-pagamenti ghandhom ikunu ta' Lm100 mensilment u li din tkun tinkorpora, skond l-istess ftehim, l-imghaxijiet mifthema bejn il-kontendenti. Li kieku l-

prezz tal-vettura (Lm9,800) ma kienx jinkorpora imghaxijiet, fuq ghaxar snin, il-pagament mensili kien ikun ta' €190.23 u mhux €232.94. B'hekk f'kull pagament, skond il-ftehim tal-2004, kien hemm element ta' imghax medju ta' €42.71 – u dan ghal 120 xahar. B'hekk, wara ghaxar snin, il-konvenut ikun hallas is-somma ta' €5,124.84 f'imghaxijiet ekwivalenti proprju ghal Lm2,200 (ossija d-differenza bejn il-prezz ta' Lm9,800 u s-somma ta' Lm12,000 – miftehma bejn il-kontendenti). Jidher pero', li sal-61 pagament – li skond l-attrici huwa l-ahhar pagament li ghamel il-konvenut – l-element tal-imghax kien gja' tela' ghal aktar minn €3,800, prattikament tliet kwarti ta' dak li kien miftiehem li ghandu jithallas skond il-kuntratt tal-2004, Jekk, kif tghid l-attrici, il-61 pagament kien l-ahhar wiehed, dan ifisser li kien ghad fadallu 59 pagament iehor – u ghalhekk il-konvenut kien wasal nofs triq.

Din il-Qorti taghmel referenza wkoll ghad-dokument CB7 ezebit mir-rapprezentant tas-socjeta' rikorrenti fejn dan jghid li hemmhekk, il-konvenut kien accetta u qabel li l-bilanc dovut huwa proprju dak mitlub fil-kawza odjerna, ossija s-somma ta' €13,635. Dan id-dokument jidher firmat mill-konvenut Philip Muscat, izda jidher li fih il-pinna wkoll ta' persuna ohra. Hadd mill-kontendenti ma jispjega wisq dan id-dokument. Li jirrizulta lill-Qorti, pero', huwa li kif jghid id-dokument innifsu, dan sar fit-22 ta' Mejju 2009. Madankollu, jidher li f'Mejju 2009, skond id-dokument prezentat ukoll mir-rikorrenti il-bilanc dovut kien ta' €15,360.59 u mhux madwar elfejn Euro inqas![3]

Issa kien ikun ferm aktar ta' ghajnuna, ghal din il-Qorti, li kieku l-partijiet, flimkien identifikaw il-pagamenti kollha li effettwa l-konvenut Philip Muscat peress li, minn dak li tista' tara din il-Qorti, fosthom mid-dokumenti ezebiti

[3] Dok. CB6, fol. 26

mill-Bank of Valletta, il-konvenut effettwa ferm aktar hlasijiet minn dawk registrati mis-socjeta' attrici.

Huwa nuqqas tal-attur li jressaq l-ahjar prova (skond id-disposizzjonijiet tal-**Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta**) u li din il-prova tkun wahda konkreta ta' dak li qed jallega (ara wkoll **Adam Bugeja vs Charles Falzon et**, PA (JA), 23 ta' Ottubru 2013).

Il-Qrati taghna jghallmu li "*[i]l-konflitti ta' provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, **ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant***" (**Farrugia vs Farrugia**, Prim' Awla tal-Qorti Civili, 24 ta' Novembru 1966, Vol XXXVI, P.I, p.319). Fis-sentenza **Bugeja vs Falzon et** (hawn fuq imsemmija) il-Qorti tghid li "*[f]il-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi , il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet.*" Verament, fil-kawzi civili, (anke kif konfermat fis-sentenza hawn fuq imsemmija fl-ismijiet **Farrugia vs Farrugia**),"*mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita' li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo*". (Ara l-istess principju fis-sentenza **George Bugeja vs Joseph Meilak**, PA (TM), 30 ta' Ottubru 2003 u **Emanuel Ciantar vs David Curmi noe,** PA (PS) 28 ta' April 2003).

Il-gudikant fil-kamp civili ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex, u mhux fuq semplici possibilitajiet. Imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hija bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet (**Eucaristo Zammit vs Eustrachio Petrococchino**, Appell Kummerc, 25 ta' Frar 1952; **Paul Vassallo vs Carmelo Pace**, Appell, 5 ta' Marzu 1986). Meta mbaghad dik ic-certezza ma tirrizultax a bazi tal-preponderanza tal-provi migjuba fil-kawza, mel'allura l-gudikant isib ruhu jdejh marbuta li japplika il-principju tal-*in dubio pro reo* u jillibera lill-konvenut mill-osservanza tal-gudizzju.

Fis-sentenza taghha **Adam Bugeja vs Charles Falzon et** (23.10.2013) il-Qorti tishaq li meta z-zewg verzjonijiet ikunu kapaci jitqiesu ugwalment plawsibbli u veritiera, "*ma jistax jinghad li tirrizulta dik ic-cirkostanza determinanti li tissoda l-konvinciment tal-Qorti favur tezi u mhux l-ohra*. L-istess japplika f'kaz meta l-Qorti tkun affaccjata b'zewg verzjonijiet li kapaci jitqiesu ugwalment mhux kredibbli. F'tali sitwazzjonijiet "*ma jibqax lecitu ghall-gudikant li jifforma opinjoni motivata fuq preponderanza ta' probabilitajiet. Jehtieglu jasal biss ghall-konkluzjoni li l-attur ma jkunx sodisfacentement u konkludentement ipprova t-talbiet tieghu. Actor non probante, reus absolvitur*" (**Joseph Vincent Rausi noe vs Joseph Muscat**, PA, 22 ta' Novembru 1995; **Enrico Camilleri vs Martis Borg**, App. Inf, (PS), 17 ta' Marzu 2003).

Din il-Qorti tqis li s-socjeta' attrici ma gibitx prova li moralment tikkonvinci lil din il-Qorti li hija ghandha tigbor is-somma reklamata minnha, u dan anke minhabba d-dokumentazzjoni u l-ispjega moghtija mill-konvenut innifsu, li baqa' mhux kontroezaminat.

Anke dan il-fatt igib il-konsegwenzi guridici tieghu. Kif jghallmu l-Qrati taghna, meta persuna tibqa' mhux kontroezaminata kontradetta b'xhieda ohra, dan ifisser li l-verzjoni moghtija minn dak ix-xhud tkun baqghet mhux kontradetta fl-atti "*lanqas fil-minimu taghha*"[4]

Ghandu jinghad li l-process tal-kontro-ezami huwa li, "*a party seeks: (a) to test the veracity and accuracy of evidence in chief, given by a witness called for another party; and (b) to elicit from that witness any relevant facts which may be favourable to the case for the cross-examiner. Cross-examination designed solely to discredit the witness and to destroy or reduce his credibility, is sometimes known as 'impeachment' and is perfectly permissible* "[5].

L-awtur **G. D. Nokes**[6] jghid li "*Cross-examination has the primary object of nullifying or modifying the evidence of the witness […] it is designed to test the accuracy of the witness's evidence […] cross-examination gives the witness an opportunity to deal with the case for the other party. The cross-examination must show what part of the witness's evidence is contested, and the opposite version of those facts must be stated to the witness for his comment or explanation.*"

L-importanza li jsir kontro-ezami hu spjegat minn **Ian Dennis**[7] f'dawn it-termini: "*The cross-examiner may also wish to test and challenge the unfavourable testimony that the witness has given in chief, hoping to get the witness to modify or qualify it, or even to admit that it was a lie or a mistake.*" Issa, abbinat ma' dan, insibu ritenut li, "*Failure to cross-examine a witness who has given relevant evidence for the other side is held technically to amount to an acceptance of the witness's evidence in chief. It is, therefore, not open to a party to impugn in a closing speech, or otherwise,*

[4] Saviour Ellul vs Vincent Dalli, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili (JZM) deciza fit-30 ta' Mejju 2017
[5] Peter Murphy, Murphy on Evidence, 7th ed. 2000, p. 509
[6] An introduction to Evidence, 4th ed., Sweet & Maxwell, 1967, pp.407-408
[7] Law of Evidence, Sweet & Maxwell, 4th Ed., 2010, p. 596

*the unchallenged evidence of a witness called by his opponent, or even to seek to explain to the tribunal of fact the reason for the failure to cross-examine […] Accordingly, it is counsel's duty, in every case: (a) to challenge every part of a witness's evidence which runs contrary to his own instructions; (b) to put to the witness, in terms, any allegation against him which must be made in the proper conduct of the case; and (c) to put to the witness counsel's own case, in so far as the witness is apparently able to assist with relevant matters, or would be so able, given the truth of counsel's case"*[8].

L-istess hu l-hsieb ta' l-awtur imsemmi fejn jirrimarka illi, *"failure to cross-examine implies acceptance of the truth of the witness's testimony, as reiterated in R. v. Hart [(1932) 23 C.A.R. 202.]*[9] *"*.

Huwa minnu li dawn ic-citazzjonijiet aktar 'il fuq riportati jirrigwardaw id-dritt Anglo Sassonu, pero' din il-Qorti tqis, hekk kif gja' qiesu l-Qrati Maltin, li dawn japplikaw ghall-ordinament Malti.

Il-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili[10] kien modellat, fil-gran parti tieghu, fuq in-normi procedurali Anglo-Sassoni, normi illi gew imhaddna fl-ordinament taghna fi zmien meta Malta kienet tifforma parti mill-Imperu Brittaniku. Fil-fatt fil-monografija "Storia della Legislazione in Malta", l-gurista eminenti Malti Paolo De Bono (Malta, 1897) ifisser li taht l-Imperu Ingliz, *" Varie altre leggi parziali, riguardanti l'organizzazione, il procedimento, le prove giudiziarie, furono pubblicate sino al 1850. Nel quale anno la commissione legislativa nominata il 7 agosto 1848 presentò il progetto del codice di leggi organiche e di procedura civile."* (p.320) u illi, *"Il diritto probatorio è in gran parte modellato sul sistema inglese, giá introdotto nell'isola sin dall'anno 1825."* (p.322).[11]

---

[8] Peter Murphy, op cit., p.511
[9] G. D. Nokes, op cit., p.407
[10] Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta
[11] Importanti ferm illi l-imsemmi awtur, f'footnote ghal din l-ahhar kwotazzjoni, jghid, inter alia, hekk: "Ma lo studio delle opera de' giuristi inglesi è in questo ramo indispensabile. Ai giovani raccomando specialmente la

Anke fis-sentenzi **Lawrence Sive Lorry Sant vs In-Nutar Guze' Abela**[12] il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ghamlet referenza ampja ghad-duttrina Ingliza ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-*law of evidence* relattivi ghax-xhieda. Fis-sentenza gie kwotat, l-awtur Peter Murphy, hawn fuq gja' citat, "Modern Law of Evidence" (2nd edition) ta' Adrian Keane u l- "Cross on Evidence" (2nd Australian edition). Aktar recentement, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fil-kawza fl-ismijiet **Michael Agius vs. Rita Caruana**[13] ghamlet referenza ampja ghar-regoli ta' evidenza Inglizi f'dak li jirrelata ma' produzzjoni ta' evidenza dokumentarja u l-valur probatorju taghha. Dan juri li referenza ghandha ssir lejn il-principji regolaturi Inglizi fuq it-tematika tad-dritt proceduralі relattivi ghall-provi u x-xhieda fil-qasam civili.

Naturalment dan ma jfissirx li dak li jghid il-konvenut ghandu jittiehed bhala xi fatt sakrosant – izda merament li l-attrici ghazlet li ma tikkontradixxix il-verzjoni moghtija minnu. Jispetta ghal din il-Qorti issa tqis, fuq il-preponderanza tal-provi, jekk il-verzjoni tal-konvenut, allura, ghandhiex tittiehed bhala dik korretta.

Din il-Qorti tibda biex tissottolinea li dak li qed jeccepixxi l-konvenut, essenzjalment, huwa l-hlas. Hu pacifikament stabbilit, li sabiex l-eccezzjoni tal-hlas tkun ta' success ghall-parti li teccepiha, il-prova tal-hlas trid tkun cara u inekwivoka.

lettura del BEST, 'The principles of the law of evidence' 8th edizione curata dal LELY (Londra 1893). È un'opera che tratta metodicamente la materia, esponendo i canoni fondamentali del diritto probatorio inglese, tracciandone le sorgenti, e mostrandone il nesso". (pp.322–323).

[12] Deciza fis-27 ta' April 1993, PA (S.T.O., J. S. Pullicino)

[13] Ara digriet kamerali moghti fl-10 ta' Marzu 2011 mill-Onor. Imh. J. R. Micallef

Fis-sentenza **Maria Stella Calleja vs Brian Degiorgio** (deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili (MCH) fil-5 ta' Ottubru 2016) jinghad hekk:

> Hu fatt li hemm verzjoni konfilggenti mill-kontendenti jekk il-hlas tad-debitu accetat sehhx jew le. Kif qalet il-Qorti fil-kawza **Mercury Investments Limited vs Roberta Grech** deciza fil-21 ta' April 2016 liema sentenza nisslet il-principju applikabbli f'kaz ta' allegazzjoni ta' kreditu u eccezzjoni ta' hlas:
>
> > *Illi l-Qorti tifhem li, fil-kamp civili, il-piz probatorju mhuwiex dak ta' provi lil hinn mid-dubju ragonevoli. Izda fejn ikun hemm verzjonijiet li dijametrikament ma jaqblux, u li t-tnejn jistghu jkunu plawsibbli, il-principju ghandu jkun li tkun favorita t-tezi tal-parti li kontra taghha tkun saret l-allegazzjoni*[14]*. Ladarba min kellu l-obbligu li jipprova dak li jallega ma jsehhlux iwettaq dan, il-parti l-ohra ma ghandhiex tbati minn tali nuqqas u dan bi qbil mal-principju li actore non probante reus absolvitur*[15]*. Min-naha l-ohra, mhux kull konflitt ta' prova jew kontradizzjoni ghandha twassal lil Qorti biex ma tasalx ghal decizjoni jew li jkollha ddur fuq il-principju li ghadu kemm issemma. Dan ghaliex, fil-qasam tal-azzjoni civili, il-kriterju li jwassal ghall-konvinciment tal-gudikant ghandu jkun li l-verzjoni tinstab li tkun wahda li l-Qorti tista' toqghod fuqha u li tkun tirrizulta bis-sahha ta' xi wahda mill-ghodda procedurali li l-ligi tippermetti fil-process probatorju*[16]*. Fit-twettiq ta' ezercizzju bhal dak, il-Qorti hija marbuta biss li taghti motivazzjoni kongruwa li tixhed ir-ragunijiet u l-kriterju tal-hsieb li hija tkun haddmet*

---

[14] Ara, per ezempju, PA NC 28/04/2004 fil-kawza fl-ismijiet **Frank Giordmaina Medici et vs William Rizzo et**
[15] Ara, per ezempju, PA LFS 18/05/2009 fil-kawza fl-ismijiet **Col. Gustav Caruana noe et vs Air Supplies and Catering Co. Ltd.**
[16] App 19/06/2006 fil-kawza fl-ismijiet **Emanuel Ciantar vs David Curmi noe**

*biex tasal ghall-fehmiet taghha ta' gudizzju fuq il-kwestjoni mressqa quddiemha*[17]*;*

*Illi tajjeb li wiehed izomm ukoll quddiem ghajnejh li d-difiza tal-imharrka f'din il-kawza tissejjes fuq l-eccezzjoni tal-hlas imwettaq ("exceptio soluti");*

*Illi huwa maghruf li eccezzjoni bhal din hija wahda mit-toroq li bihom iddebitur ta' obbligazzjoni jista' jaghzel biex jehles minn talba tal-kreditur tieghu ghall-hlas ta' obbligazzjoni. Fiha nfisha, dik l-eccezzjoni timplika s-siwi tal-obbligazzjoni (art. 1147(1) tal-Kap. 16) u t-twettiq taghha min-naha taddebitur (art. 1146 tal-Kap. 16). Billi l-hlas huwa wiehed mill-modi maghrufa mil-ligi (art. 1145(a) tal-Kap. 16) kif jintemmu l-obbligazzjonijiet, l-eccezzjoni tal-hlas, jekk tirnexxi, ggib maghha c-cahda tal-pretensjoni tal-kreditur li jibqa' jinsisti ghall-hlas (jigifieri t-twettiq tal-obbligazzjoni).* ***Minhabba f'hekk ukoll – apparti mill-applikazzjoni tal-massima procedurali li min jallega jrid jipprova – meta d-debitur jallega l-hlas, jaqa' fuqu d-dmir li jissoddisfa lill-Qorti li dan kien tassew il-kaz, u ma jkunx l-obbligu tal-kreditur li jipprova l-kuntrarju. Biex tali eccezzjoni tilhaq l-ghan taghha, jehtieg ukoll li jintwera li l-hlas ikun sar lil persuna li tassew kienet awtorizzata bil-ligi li tircevih***[18]*;*[19]

***Illi meta d-debitur jallega l-hlas, jaqa' fuqu d-dmir li jissoddisfa lill-Qorti li dan kien tassew il-kaz, u ma jkunx l-obbligu tal-kreditur li jipprova l-kuntrarju. Ir-ricevuta hija l-aqwa prova tal-hlas, u fin-nuqqas ta' prova bhal din titnissel il-prezunzjoni li l-***

[17] App Inf 09/01/2008 fil-kawza fl-ismijiet **Anthony Mifsud et vs Victor Calleja et**
[18] PA 14/03/1957 fil-kawza fl-ismijiet **Zammit vs Montanaro Gauci noe et** (Kollez. Vol: XLI.ii.930)
[19] Enfasi ta' din il-Qorti

***hlas ma jkunx tassew sehh. Jezistu modi ohrajn, madankollu, kif jista' jintwera bi prova ohra xierqa li l-kreditu tal-kreditur ikun thallas***[20];[21]

Fid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fis-sentenza hawn fuq citata[22] dik il-Qorti tghallem hekk:

*16. Għandu jiġi osservat li, skont il-liġi, l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss lil min jallegah (Artikolu 562 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili – Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta). Fir-rigward tal-materja ta' provi, jingħad ukoll li tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti fil-kawża, kemm fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), kemm fuq il-konvenut in sostenn tal-fatt miġjub minnu biex jikkontrasta l-pretensjonijiet tal-attur (reus in excipiendo fit actor) – Ara Vol. XLVI/i/5. Fil-kors tal-kawża, dan il-piż jista' joxxilla minn parti għall-oħra, għaliex, kif ingħad, "jista' jkun ġie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi ta' l-attur hija sostenuta" – (Ara* ***Vol.XXXVII/i/577****, kif ukoll is-sentenza moghtija fit-12 ta' April, 2007, minn din il-Qorti (Sede Inferjuri), fil-kawża fl-ismijiet* ***Joseph Tonna v. Philip Azzopardi****). Applikati dawn il-prinċipji għall-każ in eżami, tajjeb jingħad li l-ewwel oneru tal-prova kien jispetta lill-attriċi li tipprova l-kreditu tagħha, iżda l-piż tal-prova tal-pagament jaqa' fuq id-debitur li jallegah, f'dan il-każ il-konvenut.*

*17. Inoltre, kif ingħad fis-sentenza ta' din il-Qorti tal-14 ta' Mejju, 2010, fil-kawża fl-ismijiet* ***Louis Zammit v. Maria Assunta Spiteri****:*

[20] PA 23/02/1965 fil-kawza fl-ismijiet **Darmanin vs Muscat** (Kollez. Vol: XLIX.ii.776) u App. Civ. 5.10.1998 fil-kawza fl-ismijiet Chetcuti et vs Pearson et noe (Kollez. Vol: LXXXII.ii.317 a fol. 322 - 3)
[21] Enfasi ta' din il-Qorti
[22] Deciza fis-17 ta' Marzu 2022

*"Fil-gurisprudenza taghna dejjem gie ritenut li l-prova tal-pagament u/jew ta' l-eccessivita` tal-kreditu reklamat kienu certament jinkombu fuq il-konvenut li jallegahom; min jallega l-pagament ghandu jippruvah ghas-sodisfazzjon tal-Qorti (**Vol. XLIX P II p 776**). Fid-dubju u fin-nuqqus ta' ricevuta, ghandha tipprevali l-presunzjoni li d-dejn ma thallasx (**Vol. XXXVII P I p 525**), jekk ma jigix pruvat – kif del resto ma sarx f'dan il-kaz – b'mezzi ohra li l-attur huwa sodisfatt (**Vol. XXXV P III p 604; Desmond Mizzi noe –vs- Patrick Filletti pro et noe**, Appell, 28 ta' Jannar 2000).*

*13. Insibu wkoll li:*

*Essenzjali f'kawzi ta' din ix-xorta hi l-applikazzjoni bil-principju [recte: tal-principju] illi min jallega jrid jipprova. Il-prova incumbit ei qui dicit non ei qui negat. Fil-kaz taht ezami il-qofol tal-mertu hu l-eccezzjoni talkonvenuti nomine illi huma hallsu dak kollu li kien minnhom dovut. Jeccepixxu allura l-pagament u kien jispetta lilhom li jippruvaw dan b'mod konvincenti u konklussiv."*[23]

*Relevanti wkoll hija l-ġabra ta' ġurisprudenza, fis-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, deċiża fit-12 ta' Diċembru 2002, fil-kawża fl-ismijiet **Joseph Borg nomine v. Norman Buckle nomine et**, ikkonfermata minn din il-Qorti fil-prinċipju li, il-piż tal-prova tal-pagament hu fuq il-konvenut li jallegah u jekk ikun hemm xi dubju, dak id-dubju għandu jiġi riżolut favur l-attur.*

Applikati l-principji t'hawn fuq ghall-kaz in ezami, din il-Qorti tqis li l-konvenut ma rnexxilux igib prova sufficjenti in sostenn tal-eccezzjoni tal-hlas

[23] *Joe Chetcuti et vs Joseph Pearson et noe, Qorti tal-Appell, deciza fil-5 ta' Ottubru 1998*

tieghu. Ghalhekk, lanqas din l-eccezzjoni mqanqla minnu ma ghandha tintlaqa'.

Konsegwentement din il-Qorti sejra tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut in kwantu dawn jirrigwardjaw il-hlas tal-kreditu, izda sejra tichad ukoll it-talbiet tas-socjeta' attrici in kwantu dawn ma gewx soddisfaccjentement ipprovati.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, din il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi **tichad** l-eccezzjonijiet tal-konvenut Philip Muscat in kwantu dawn jirrigwardjaw hlas jew hlas zejjed, izda qed **tichad** ukoll it-talbiet tas-socjeta' attrici in kwantu dawn ma gewx soddisfacjentement ipprovati, bl-ispejjez ta' din il-kawza jithallsu nofs bin-nofs bejn il-kontendenti.

**Dr. Nadine Lia**
**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**
**Deputat Registratur**